KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

### Laqġħa Numru 49

**It-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-preżenza tas-Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is Sur | Joseph Baldacchino | Kunsillier |
| Is Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera (Online) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Hadd

**UFFICJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is Sa | Rosalie Mintoff | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur | Jordy Brincat | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

## 49.01 Qari tal-ittri t'Apoloġiji

**49.01.01** Il-Kunsilliera Doriana Portelli bagħtet sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet personali ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

**49.01.02** Il-Kunsillier Carlo Stivala bagħat sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet personali ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

**49.01.03** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li llum kien hemm ex-Kunsillier Stanley Zammit nieqes, hekk kif ġie elett fl-Elezzjoni Ġenerali li għaddiet. Il-Kunsill feraħlu mill-ġdid għal din il-kariga u li iktar tard wara li tintemm is-seduta kien ser ikun hemm laqgħa miegħu, fejn ser tiġi diskussa l-ħidma tiegħu bħala Membru Parlamentari.

## 49.02 Approvazjoni tal-minuti tas-Seduta numru 48

**49.02.01** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka rigward punt numru 48.08.07 fejn *it-Triq G.Marconi* kellha taqra *Triq Garibaldi*. Alex Caruana qabel ma' dan il-punt li dan kien ħa żball min-naħa tiegħu.

**49.02.02** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li fil-istess punt numru 48.08.07, *"hemm xi erbgħa minn dawn"*, trid taqra *"hemm il-fuq minn erbgħa talbiet ta' communial parkings u li għadhom".*

Wara dawn il-korrezzjonijiet, fuq proponiment ta' Alex Caruana u sekondat minn Joe Balbacchino, l-minuti ġew approvati unnanimament.

## 49.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

**Petty Cash:**

**49.03.01** Is-Sindku Scott Camilleri irimarka li peress li fis-seduta preċidenti ma ġietx immresqa l-iskeda ta' *petty cash*, din id-darba kienu ser jitresqu żewġ skedi. Dik ta' Marzu u ta' April 2022.

**49.03.02** Alex Caruana u Josette Busuttil staqsew dwar it-*Top-Up* fin-numru 3. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li minħabba li kien hemm il-problema tal-banek, meta kien hemm il-*closers,* ħaddiem minn tagħna beda jintbgħat il bank biex jiġbet il-flus li wara jiġu *re-embursed*. Alex Caruana u Josette Busuttil irrimarkaw li kif qeda mniżla, tidher kerha. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li għanda ssir *asterix* u isfel titniżżel *foot note* bi spjegazzjoni.

**Pagamenti:**

**49.03.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-Perit William Lewis fejn ikun qed jibgħat l-*invoices* tax-xogħolijiet li jkun qed jagħmel. Hu talab lil-Alex Caruana biex taghti spjegazzjoni fuq dan ir-rigward. Alex Caruana spjega kif kienet qeda tinħoloq sitwazzjoni fejn qed inħalsu għal ammont ta' proġetti, li jkun hemm ħafna minnhom li jkunu għadhom

fi stat inizzjali tagħhom. Sitwazzjoni fejn qed jintefqu ħafna flus u nkunu għadna ma ħadna xejn minnhom. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li għandu jsir eżerċitzju min-naħa tal-Kunsill imbagħad issir laqgħa mal-Perit fejn jiġu mwaqfa *time limits* li għandhom jiġu onorati. Ġie diskuss kull proġett tal-Perit Willam Lewis fejn ġie deċiż li l-pagamanti bin-numri 80,81,83,84 u 85 ma jitħalsux mal-pagamant ta' dan ix-xaħar.

**49.03.04** Alex Caruana staqsa fuq pagament numru 60, dwar fejn qegħda Triq Antonio Schembri. Is-Sindku Scott Camilleri spjega fejntinsab din it-triq.

**49.03.05** Is-Sindku Scott Camilleri għamel kjarifika fuq il-pagamenti 88 u 89, fejn spjega li kienu ntalbu għal-kwotazzjonijiet għat-tindif tal-uffiċini u l-pagament 89 beda fis-seħħ

Il-Kunsilliera preżenti qablu bi proponiment ta' Josette Busuttil u sekondata minn Alex Caruana.

## 49.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

Is-Sindku Scott Camilleri semma li attenda għall-laqgħa mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli fejn issemma l-punt li peress li ċerti prodotti u servizzi għolew u li qed ikollhom jaqaw taħt tender, ġie mitlub li fuq ċerti xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' emerġenza u *day-to-day running*, għanda tittieħed deċizjoni mid-dipartiment u mhux taqa' taħt is-sistema tal-EPPS.

**49.04.01** *Ground fencing* fi *Pretty Bay* – Kien hemm talba għal erbgħa kwotazzjonijiet, imma 1 biss ġiet provduta. Intażlet din il-kwotazzjoni (D).

**49.04.02** Bankijiet għall-Pjazza tal-Knisja – Kien kemm talba għal 6 kwotazzjonijiet fejn ġew provduti 5. Intażlet il-kwotazzjoni (D) għal prezz ta'€495.6 kull bank. Il-Kunsillier Alex Caruana ġibed l-attenzjoni jekk dawn il-bankijiet hux reżistenti għan-nar, peress li fil-jiem tal-Festa jinħaraq in-nar tal-art fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel li nagħmlu forma ta' anti fire covers sabiex dawn jiġi protetti.

**49.04.03** *Litter Bins* għall-Pjazza tal-Knisja – Kien kemm talba għal 6 kwotazzjonijiet fejn ġew provduti 4. Intażlet il-kwotazzjoni (D) numru 4 għal prezz ta' €269 għal kull bin.

**49.04.04** *Sand blasting*, iggalvanizzar u żebgħa tar-railing bejn il-moll tas-sajjieda u l-moll tal-Enemed - Kien kemm talba għal 5 kwotazzjonijiet fejn ġew provduti 2. Ma intażlet l-ebda kwotazzjoni.Il-Kunsill ideċieda li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Public Works.

**49.04.05** Tiġdid ta' servizz tal-GO plc. Ġie deċiż li kera tal-mobile phone li kellha s-Segretarju Eżekuttiv, jiġi mwaqqfa.

**49.04.06** Tiswijiet fuq rampa fil-*Housing Estate* – Kien kemm talba għal 3 kwotazzjonijiet fejn ġew provduti kollha. Deċiz li x-xogħol issir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**49.04.07** Xogħolijiet fuq l-*area* għal *Cat Feeders "Cat Cafe"* ġewwa Wied il-Buni - Kien hemm talba għal 3 kwotazzjonijiet fejn ġew provduti kollha. Ġie deċiz li x-xogħol issir mil-*Community Workers*.

**49.04.08** Fustun tal-dawl minn ħdejn il-monument ta' Bush u Gorbaċov sal-*Waterpolo Pitch* - Kien kemm talba għal 5 kwotazzjonijiet fejn ġew provduti 2. Intażlet l-irħas kwotazzjoni (B) għal prezz ta' €118 għal kull 50 metru tul.

**49.04.09** *Spot Lights* għal Bajja s-Sabiħa - Kien kemm talba għal 3 kwotazzjonijiet fejn ġew provduti 2. Intgħażlet l-irħas kwotazzjoni (B) għal prezz ta' €17.50 għal kull *spot light.*

**49.04.10** Suffett għas-sala tal-Kunsill - Kien kemm talba għal tlett kwotazzjonijiet fejn ġew provduti kollha. Intażlet il-kwotazzjoni (B) bin-numru 2 għal prezz ta' €1,169.

**49.04.11** Tiġdied għas-servizz tal-Accountant – Ġie maqbul li jiġġedded is-servizz accountant preżenti dak tal-P&D Consultancy Services.

## 49.05 Approvazzjoni tal-*Quarterly Report*

*F'dan il-ħin daħlet online is-Sa Doreen Mintoff l-accountant tal-Kunsill rigward il-Quarterly Report u l-Financial Statements.*

**49.05.01** Doreen Mintoff spjegat li fl-ewwel kwart tas-sena fl-*income and expentiture* sar profit ta' €21,952 u l-FSI hu ta' 116%. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jidher li meta tqabbel l-*actual budget* mal-*annual budget* jidher li mexjin tajjeb, u semma li hemm ċerti proġetti li għadhom ma ġewx attwati u li ser jiġu attwati fil-ġimgħat li ġejjin. Dan ġie approvat mil-Kunsilliera kollha preżenti.

## 49.06 Approvazzjoni tal-*Financial Statements*

**49.06.01** Doreen Mintoff spjegat li bażikament, il-*financial statement* hu l-istess bħal dak li ġew approvati fi Frar, bid-differenza ta' aġġustament ta' riġward €10,000, li peress li l-*assets* iddaħlu kollha f'daqqa, s-software ħadimhom ta' sena sħiħa, meta suppost jaħdimhom xahar b'xahar. Għaldaqstant, ġiet imnaqsa d-depreciation ta' €10,000. Dan ġie approvat mil-Kunsilliera kollha preżenti

## 49.07 Kommunikazzjoni mis-Sindku Scott Camilleri

**49.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri ħabbar li wara r-riżenja tal-Kunsillier Stanley Zammit, ser jiskatta il-proċess tal-Elezzjoni Każwali sabiex jimtela l-post vakanti tal-Kunsillier f'isem il-Partit Nazzjonalista.

**49.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-Kunsill ġi avviċinat kemm mil-Għaqda tas-Sajjieda kif ukoll min-nies li huma membri tal-għaqda u li jagħmlu użu mid-*dry bound* ta' fejn ir-residenza ta' Dun Alfred, fejn kien hemm numru ta'abbuż minħabba li l-karrijjiet u d-dgħajjes jistgħu jitħallew għal tliet ġimgħat biss. Hu avża li qed issiru diskussjonijiet mal-Pulizija tal-Kommunita' u mal-Għaqda tas-Sajjieda biex tinstab l-aħjar soluzzjoni għal din il-problema. L-Għaqda tas-Sajjieda qed titlob għal tip ta' ftehim simili bħal ma sar fil-fil-parkeġġ ta' San Ġorġ. Alex Caruana semma li diġa kien hemm ftehim u li qatt ma ġie ffirmat. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ġie provdut *draft* ta' ftehim, u li kien ser iduru dawra u wara jiġi diskuss.

**49.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri talab għal *update* ta' dwar il-proċess tad-dawl dekorrattiv ta' Bengħajsa u Triq iż-Żebbuġ. Alex Caruana semma li rigward Triq Ferdinand Sufflesser, l-Enemalta rrifjutaw li jaqsmu t-triq b'cable u li ser issir prova ta' *reflector* wieħed u jekk n-nies ma gergrux li qed iddejjaqhom id-dawl, jitkompla il-kumplament. Maria Mifsud sostniet li għandhom isiru *covers* biex jipprevenu li d-dawl jitħol fid-djar tan-nies. Alex Caruana qal li regward ta' Benagħjsa kellu jkun hemm tender li baqgħat ma ħareġx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tender kien ser jiġi strutturat, imma twarrab minħabba li kien hemm prijoritajiet oħra u għaldaqstant waqa lura. Alex Caruana aġġorna rigward id-dawl taz-zuntier, fejn iltaqa man-Nexos u għandu jipprovdi kwotazzjoni biex tiġi approvata. Hu semma wkoll li l-biċċa ta' fuq tal-arbli mhux soda u dawn għandhom jiġu ċċekjati. Josette Busuttil, semmiet ukoll l-arblu li waqa fix-Xatt ta' San Ġorġ, u li hemm ieħor wasal biex jaqa u li jista jweġġa lil xi ħadd.

**49.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri avża li saret laqgħa mas-sid, il-Perit u l-Contacts Manager rigward il-binja li ser issir madwar Triq F.C.Bourlemaque, Triq Għar Dalam u Triq F.M. Ferretti, fejn niżlu b'inġenji, bdew jagħlqu l-area u bdew it-tħaffir. Min-naħa tal-Kunsill bis-sehem tal-Perit Caccopardo, intervjenejna fejn gew infurmati l-SCH, il-BRO, l-BCA u l-Enforcement tal-Planning u li fi ftit siegħat twaqfu x-xogħolijiet. Il-PA02901/16 li huwa wieħed mill-ikbar proġetti li qatt sar ġewwa Birżebbuġa u li jinkludi ħafna appartamenti u garaxxijiet u li jinfed minn erba' naħat. Hu fakkar li viċin ħafna ta' dan il-proġett hemm Għar Friefet, fejn il-Kunsill jinteressaħ mill-preservazzjoni ta' dan l-għar. Il-Kunsill kien talab li ssir garanzija bankarja ta' miljun euro u l-PA kienet iddeċċidiet li l-garanzija għanda tkun ta ħamsin elf euro u l-iżvilupp għandu jibda 25 metru l-bogħod mil-binja ta' ħdejn l-għar. L-iżviluppatur, mingħajr approvazzjoni tal-ebda entita', minn jeddu qabad u għamel triq bit-torba, biex il-garaxxijiet ta' Triq F.C. Bourlemaque ikollhom aċċess għal Triq Għar Dalam. Joe Baldacchino staqsa jekk hux ser tkun triq temporarja, u s-Sindku wieġeb li temporarja tfisser xi sentejn xogħol. Is-Sindku Scott Camilleri sostna li, hu u l-Perit qablu li huma għandhom jagħtu aċċess kif suppost lil-garaxxijiet ta' Triq F.C. Bourlemaque. Is-Sindku Scott Camilleri qal li huma jridu jiprovdu aċċess veru dejjaq min-naħa ta' Avalon Court fejn hemm dubju jekk Ambulanza tidħolx fil-każ li jiġri aċċident. Ukoll, li s-sidien, talbu għal approvazzjoni minn naħa tal-Kunsill għal dawn t-tliet punti;

1. Li fi Triq F.C. Bourlemaque, quddiem l-Avalon Courts, fejn bnew il-ħajt, huma obligati li jagħmlu l-bankina u li jekk issir il-bankina ser jintilef il-parkeġġ. Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk issirx il-bankina jew jitħalli l-parkeġġ. Il-Kunsilliera qablu li l-parkeġġ jitħalla.

2. Li qed jipproponu li n-naħa ta' Triq Għar Dalam, jinbena ħajt temporanju fuq il-bankina biex ikun jista jsir l-iskavar, u jagħmlu bankina temporanja tal-istess qies il-barra mill ħajt. Il-Kunsilliera ddeċidew li għandhom jitkellmu ma' Transport Malta rigward din il-proposta.

3. Li l-biċċa li tmiss ma Triq Herakles għal Triq F.M. Ferretti sa fejn ser hemm il-proġett tal-binja, tinbidel minn *one way* għal *two way* biex tiġi evitata li l-inġenji tal-kostruzzjoni joqogħdu jduru minn Triq il-Fossili b'inkonvinjent għar-residenti. Il-Kunsilliera qablu li għandhom jitkelmu ma Transport Malta rigward din il-proposta u minn naħa tal-Kunsill jiprovdu l-pjanti lil-TM. Huma qablu wkoll li għandhom jiġu involuti l-LESA.

**49.07.05** Tqajmu żewġ punti fuq it-*traffic management* kif ukoll l-għoli tal-binja l-ġdida ta' fejn kien hemm is-Sea Breeze Hotel. Alex Caruana ikkonferma li għalkemm żdied sular, l-għoli tal-binja baqgħat ta' kif jippermetti l-permess. Is-Sindku Scott Camilleri iddeċieda li jkellmu l-perit rigward din l-*issue*, mbagħad tiġi diskussa skont il-parir tal-Perit. Rigward it-traffic management, Is-Sindku Scott Camilleri talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tgħaddiha lil-TM u tgħid wkoll li qed tiġi diskussa mil-Kunsill.

**49.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemm bżonn li ssir laqgħa fuq l-organizzazjoni tal-festa tar-raħal. Alex Caruana ssuġġerixxa li l-laqgħa ssir fl-aħħar ta' Mejju peress li hemm xi diskussjonijiet għaddejin mal-Kappillan. Is-Segretarju Ezekuttiv, fakkret li l-laqgħa Ġenerali Annwali għadda ma saritx. Is-Sindku Scott Camilleri issuġġerixxa li l-laqgħa għanda ssir f'Ġunju.

**49.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri qal li irċevejna PA03226/22 biex fi Triq il-Fortizza ta' Karaġ f'area ODZ, jinbnew *kennels* għall-klieb li jinkludi *swimming pool*, *treatment room* u *outdoor exercise area* għall-klieb. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jekk l-*area* taqgħa qrib il-konfini ta' Birżebbuġa, għanda ssir sotto missjoni ta' interess mil-Kunsill li ser insegwi l-każ.

**49.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri informa li kien hemm laqgħa mal-Għaqda Storja u Kultura, fejn talbu l-Kunsill x'pożizzjoni ser ikun qed jieħu dwar il-proġett tal-mitjar tal-ajruplani iż-żgħar ġewwa Wied Żnuber. Hi zied jghid li tkellmu mal-INDIS, ma mal-Għaqda Storja u Kultura u mar-rappreżentanti tal-*Model Flying Association* fejn hemm ħafna reazzjonijiet mħalta ta' x'ser jsir u ta' x'qed jiġi propost. Joe Baldacchino staqsa kif hi ddikjarata din iż-żona u s-Sindku wieġeb li hi żona industrijali. Is-Sindku Scott Camilleri qal li bħala Kunsill jirrikonoxxi li għal kemm iż-żona hija industrijali, l-*buffer zone* hija importanti u li l-interess ambjentali trid jibqa' protett. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob li ssir laqgħa mal-partijiet kollha konċernati meta ser ikun ser isir proġett sa biex jiġu spjegati sew l-affarijiet kollha b'konsultazzjoni f'intier tagħha u fejn isiru l-istudji kollha neċċessarji. Josette Busuttil staqsiet, li bħal ma nies minn barra l-lokalita' tagħna jagħmlu talbiet u jinatawlhom, l-għaqdiet tal-lokal jagħmlu talbiet huma u jinatawlhom ukoll. Is-Sindku Scott Camilleri kien tal-opinjoni li għanda ssir laqgħa mal-partijiet kollha konċernati, inkluż l-Għaqda Storja u Kultura biex tiġi diskussa fuq livel għoli. Il-Kunsilliera qablu li għanda tintbgħat ittra lil-partijiet kollha kkonċernati biex issir laqgħa ħalli tiġi diskussa din il-kwistjoni.

## 49.08 Approvazzjoni tal-*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv
*(mill-1 ta' Jannar 2022, sas-17ta' Mejju 2022)*

**49.08.01** Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera preżenti, Is-Sindku Scott Camilleri qal lis-Segretarju Eżekuttiv li l-*Performance Appraisal* tagħha ġie diskuss u ser tingħata risposta iktar tard għax irridu jiġu vverifikati xi punti.

## 49.09 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**49.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li bħala Kunsill ser irresaq l-interess fl-Skema tal-Iżvilupp tal-Kundizzjonijiet tal-*playing fields* f'Malta u Għawdex, SPI/SCI/1/2022. Fuq din, li diġa' ġiet imdawra b'*email* biex jibbenefika mil-iskema tad-dipartiment biex jinbidlu s-*soft flooring* tal-*playing fields* kollha, fejn il-BOQ tiġi €150,000 u mill-iskema jiġu

bbenifikati €45,000. Joe Baldacchino saħaq li jkun aktar għaqli li jiġu rranġati l-aċċessi tal-*playing fields,* fejn tfal jistaw joħorgu minn dawn il-*playing fields* għad-detriment ta' saħħithom. Alex Caruana ssuġġerixxa li għandna nagħmlu *playingfield* wieħed dak ta' Pretty Bay sabiex ma nonfqux ħafna aktar mill-ammont li se ningħataw mill-iskema għalissa. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din l-iskema.

**49.09.02** Joe Baldacchino rrimarka li hemm ħafna dgħajjes marbutin mar-railing madwar ix-xatt ta' San Ġorġ, u li għandhom jitneħħew. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din il-kwistjoni għanda tiġi diskussa mal-Għaqda tas-Sajjieda.

**49.09.03** Joe Farrugia staqsa dwar il-proċess tat-*traffic count survey*. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li s-*survey* għandu jsir fil-ġranet li ġejjin.

**49.09.04** Joe Farrugia irrimarka fuq ilmenti li rċieva mingħand residenti li l-blokka ta' bini li mbniet f'nofs Triq il-Port Ħieles ma għandiex il-linji tal-parkeġġ. Alex Caruana wieġeb li hemm, għad irridu jgħaddu is-servizzi tal-Enemalta.

**49.09.05** Joe Farrugia qal li għandu ilmenti mir-residenti ta' Triq San Edwardu, l-biċċa li talaq, u li fuq in-naħa tat-triq li ma setawx jipparkjaw karozzi, għal xi raġuni tneħħiet it-tabella u l-marki ta' mal-art. Hu qal ukoll li fuq naħa waħda tal-triq, hemm bankina wiesgħa u li kieku jsiru dojoq, tissolva l-problema. Alex Caruana wiegbu li kien ser imur fuq il-post ħalli jara tistax issir.

**49.09.06** Joe Farrugia staqsa jekk hux ser issir it-Triq mill-Alfresco sal-Ġnien ta' San Ġorg. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li qegħdin jistennew minn għand il-Water Services Corporation biex jgħaddu l-main tal-ilma u jekk jilħaq jitlesta fi żmien qasir, it-triq issir qabel is-sajf.

## 49.10 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**49.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet aġġornament fuq il-kawża tal-Qorti tal-aċċident li sar fi Triq FM Ferretti fejn għoliet it-tappiera u ġarrab ħsarat fil-karozza tiegħu b'dannu ta' €4,800. Hi qalet li attendiet għal kawża fil-Qorti fejn telgħu jixdu rappreżentant mill-kumpanija tal-assigurazzjoni, s-*surveyor*, l-Avukat tal-Kunsill u telat tixhed hi ukoll. Hi ġiet mistoqsija min kien għamel it-tarmakta' madwar it-tappiera fejn irrispondiet li kien sar mil-Water Services Corporation. Hi qalet wkoll li wara ssejjaħ biex jixhed rappreżentant tal-WSC, u li ma kienx konsistenti fi kliemu. Il-kawża ġiet diferita għat 23 ta' Ġunju fin-12:30h.

**49.10.02** Is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet dwar is-sejħa għall-Assistent Prinċipal fi Skala 11. Hi nfurmat, li kienet daħlet applikazzjoni waħda mill-Uffiċjal Eżekuttiv is-Sa. Gloria Abela. Il-Kunsilliera preżenti approvaw din l-applikazjoni wara li raw li hi eleġibli li titla' għall-Skala 11.

**49.10.03** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret dwar ir-riżenja tagħha minn Segretarju Eżekuttiv u peress li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv mhux ser ikun il-ħin kollu preżenti, Is-Sindku Scott Camilleri għandu jingħata l-aċċess tal-*internet key* bħala l-Amministrattur biex ikun jista' japprova l-pagi wara li jiġu pproċċessati minn Eleanor Manicaro.

## 49.11 Traffiku, Parkeġġ, Utilitajiet u Servizzi

**49.11.01** Maria Mifsud staqsiet jekk hux possibli li l-*parking* fi Triq is-Sajjieda jinbidel minn normali għal 45°. Alex Caruana rrisponda li t-tip ta' *parking bays* jiġi diterminat skont il-wisa' tat-triq. F'dan il-każ it-triq mhux wiesgħa biżejjed.

**49.11.02** Alex Caruana ressaq ilment f'isem resident fi Triq FM Ferretti, fejn dan peress li twaħlu dwal tat-toroq mal-arbli tal-faċċata tat-triq, qed jitlob biex titneħħa l-bozza li hemm, mal-faċċata tiegħu u li ma għadx hemm il-bżonn tagħha. Il-Kunsilliera qablu li l-bozza għanda titneħħa u tintuża għal x'imkien ieħor.

**49.11.03** Maria Mifsud ipproponiet li l-bozzoz ta' Triq Arturu Issel isirilhom il-covers. Alex Caruana se jitkellem mal-kuntrattur tad-dawl.

**49.11.04** Joe Balbacchino staqsa meta ser issir is-*sleeping policeman* fi Triq San Ġużepp. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li din ser issir wara li titlesta r-rampa ta' Pretty Bay.

**49.11.05** Maria Mifsud irrimarkat li qabel ir-rampa ta' Pretty Bay għanda ssir tabella biex ma jinzlux nies rikbien ir-roti. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li għanda ssir tabella li min ikun bir-rota irid jinzel minn fuq ir-rota u jniżżilha fuq l-idejn.

## 49.12 Proġetti u Skemi

**49.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta spjegazzjoni lil membri preżenti, fir-rigward Miżura (3) taħt il-Fondazzjoni Gal Xlokk, dwar Promozzjoni għat-tħejjija ta' ktieb elettroniku li jittratta l-kappelli f'diversi lokalitajiet, li jaqgħu taħt ir-Reġjun ta' Nofsinhar, fosthom il-lokalità ta' Birżebbuġa.

Il-membri kollha tal-Kunsill, qablu ma' din l-inizzjattiva, u flimkien iddeċiedew, li l-Kunsill jissottometti l-interess tiegħu, u jipparteċipa f' din il-Miżura.

## 49.13 Indafa u Ambjent

**49.13.01** Alex Caruana staqsa x'reġa' sar fuq il-*barrier* tax-xatt. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li xi ħadd rabatha biex ma joqgħodx jgħaddi minn taħta u li l-foreman ħal il-ħabel u rranġa.

**49.13.02** Maria Mifsud infurmat li fl-*Environment Day* fit 3 ta' Ġunju, il-Freeport ser jieħdu sehem fil-*clean up* li jorganizzaw kull sena. Hi qalet ukoll li ser jgħamlu *under water* clean up.

**49.13.03** Maria Mifsud staqsiet jekk jistagħx jinħarat il-Ġnien ta' San Ġorg. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li jista jsir mil-kuntrattur tal-Kunsill. Maria Mifsud insistiet li dan ix-xogħol ma jaqax taħt il-kuntratt tiegħu. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li jekk ikun hemm il-bżonn, jinġiebu l-kwatazzjonijiet.

**49.13.04** Josette Busuttil resqet ilment fuq tindif ta' ħaxix fi Triq il-Barrieri. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien ser ikellem lil-foreman ħalli jara x'jista jsir.

## 49.14 Attivitajiet

**49.14.01** Josette Busuttil tkellmet u tat rendikont fuq l-attività tal-Karnival li se ssir iżjed tard dan ix-xahar. L-estimu ta' din l-attività huwa ta' €2,929. Spjegat kif ser tiġi organizzata din l-attività u li sabet għajnuna mill-Freeport li ser jofru diversi rigali, *face painting*, *lunch* u xi affarijiet oħra lil 141 tifel u tifla tal-iskola.

**49.14.02** Josette Busuttil qalet ukoll li għall-Imnarja ser torganizza attività tradizjonali bi żfin folkloristiku minn grupp Għawdxi u l-grupp Pantera. Ġie deċiż li din l-attività ssir fil-*Greek Teatre*. L-istima ta' kemm ser tiswa din l-attività hi bejn €3,000 u €4,000. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għanda ssir din l-attività. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li tixxandar *live* fuq *facebook* u li jintramaw il-bankarelli għall-*artisian market*.

## 49.15 Kultura, Żgħażagħ u Sport

**49.15.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li dalwaqt ser jibda l-*beach soccer tournament*.

**49.15.02** Is-Sindku Scott Camilleri informa li l-Ħadd li ġej ser ikun hemm l-*open day* tas-Sailing Club u li l-Kunsill intalab sabiex jattendi.

**49.15.03** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li ser ikun hemm il-wirja tal-Ford nhar il-Ħadd li ġej filgħodu.

## 49.16 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

**49.16.01** Joe Baldacchino talab jekk il-Kunsill jistax b'xi mod jgħin lil-*Club* tal-Windmill f'gheluq il-50sena mit-twaqqif tal-għaqda. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser joħolqu summer camp għat-tfat u talab li l-Kunsill jerfa l-ispiża tat-trasport biex dawn it-tfal jittieħdu għal xi sit Attivitajiet Kulturali madwar Malta. Din l-ispiza tammonta għal madwar €500.

## 49.17 Tmiem il-laqgħa u data tas seduta li jmiss

**49.17.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30h wara li ġiet eżarwita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju, 2022, fil-17:30h.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |